C/2023/1035

17.11.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11307 - GI GROUP / EUROPEAN STAFFING BUSINESS OF KELLY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1035)

1. Fl-10 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— GI Group Holding S.p.A. ("GI Group", l-Italja), ikkontrollata minn Familia S.r.l., li min-naħa tagħha hija kkontrollata minn żewġ persuni naturali,

— Kelly Services Management Sàrl ("Kelly Services", l-Iżvizzera) ikkontrollata minn Kelly Services, Inc.

GI takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Kelly Services kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— GI Group huwa grupp ta' aġenziji tal-impjiegi attiv globalment fil-forniment ta' servizzi ta' impjieg temporanju u servizzi ta' impjieg permanenti inklużi l-esternalizzazzjoni tal-proċess tan-negozju, kif ukoll servizzi oħra ta' konsulenza dwar ir-riżorsi umani għas-suq tax-xogħol,

— Kelly Services Management Sàrl tipprovdi servizzi ta' impjieg temporanju u servizzi ta' impjieg permanenti inklużi l-esternalizzazzjoni tal-proċess ta' reklutaġġ u l-esternalizzazzjoni tal-proċess tan-negozju. Il-Kumpanija fil-Mira hija parti mill-grupp ta' Kelly Services, grupp ta' aġenziji tal-impjiegi Amerikan attiv globalment.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11307 - GI GROUP / EUROPEAN STAFFING BUSINESS OF KELLY

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.